MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tas-16 ta' Novembru, 2005

Numru 30/2004

**Il-Pulizija**
**Spettur Joseph Agius**

**v**

**JOSEPH ATTARD**

**Seduta ta' llum, 16 ta’ Novembru 2005.**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **JOSEPH ATTARD b**in Victor u Loraine nee Franklin, imwieled Pieta nhar l-erbatax ta’ Awissu 1975 u joqghod 24, Triq Dun Gusepp Naudi, Hal Ghaxaq, detentur tal-karta tal-identita numru 457275M, gie mressaq quddiemha akkuzat:

1. Talli fl-erbgha ta’ Novembru 2003, fi Triq t-Telleritu, Hal Ghaxaq, f’xi t-tlieta ta’ wara nofsinhar,

ikkommetta serq ta' oggetti tad-deheb li l-ammont taghhom huwa ta' aktar minn hames mitt lira maltin izda inqas minn elf lira maltin ghad-dannu ta' Mary Therese Attard, liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-post u bl-ammont;

2. Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, xjentement f'Malta, laqgha ghandu jew xtraw hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat jew xjentement b'kull mod iehor li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom;

3. Talli sar recidiv b'diversi sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati datati wiehed u ghoxrin ta' Gunju 1993, l-ewwel ta' Ottubru 1993, sitta ta' Gunju 1994, tlieta w ghoxrin ta' April 1999, wiehed u ghoxrin ta' Jannar 2000, erbatax ta' Marzu 2000, sitta w ghoxrin ta' Jannar 2001, tmienja ta' Ottubru 2001, u hamsa ta' Frar 2002, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat id-dokumenti kollha esibiti fosthom l-kunsens tal-Avukat Generali datat sebgha ta' Jannar 2004 esibit fl-atti a fol 3 sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja.

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferita u dan kif jirrizulta mill-ezami li sar ai termini tal-artikolu 370(4), 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta nhar l-erbatax ta' April 2004 [fol 22].

Semghet lix-xhieda prodotta mill-Prosekuzzjoni.

Semghet lil partijiet jittrattaw il-kawza fis-seduta tad-dsatax ta' Ottubru 2005.

Ikkunsidrat:

**Illi nhar l-erbatax ta' April 2004 xehed l-Ispettur Joseph Agius** [fol 23] fejn qal li nhar t-tlieta ta' Novembru 2003, f'xi l-erbgha w nofs ta' wara nofsinhar, certa Maria Teresa Attard ghamlet rapport li kien insterqilha xi deheb

mid-dar taghha u fil-fatt ma kien hemm ebda sgass. Din issuspettat f'hu r-ragel taghha ghaliex gieli ha xi oggetti minn din d-dar u ma rritornahomx ghaliex ghandu problema ta' droga. Ix-xhud kompla jghid li hu kien baghat ghal imputat Joseph Attard fejn hadlu stqarrija bil-miktub f'liema stqarrija hu ammetta li kellu x'jaqsam mas-serq tad-deheb u qal li dan id-deheb kien silfu lil xi hadd biex ha xi flus u kellu jigbru lura meta hu jirritorna l-flus. Qal li fil-fatt l-imputat lahaq anke rritornalu xi deheb li esibixxa bhala dokumenti JA 1 u JA 2. Qal li lil Maria Teresa Attard kien insterqilha xi brazzuletta ta' xi erbgha mitt lira, arlogg tal-idejn u oggetti ohra tad-deheb. Ix-xhud esibixxa stqarrija datata tnejn u ghoxrin ta' Novembru 2003 rilaxxjata mill-imputat markata bhala dokument JA 3, fejn ghalkemm l-imputat ma stqarrx direttament li kien seraq d-deheb hu, indirettament qal li veru li seraq d-deheb u sellef d-deheb.

**Illi nhar l-erbatax ta' April 2004 xehdet WPC 24 Marica Bugeja** [fol 26] fejn wara li giet murija l-istqarrija dokument JA 3 hija kkonfermat li din kienet giet rilaxxjata mill-imputat presenti fl-awla wara li kien inghata s-solita twissija. Fuqha hija gharfet l-firma taghha, dik tal-imputat u tal-Ispettur Joseph Agius fuq kull faccata taghha.

**Illi nhar l-erbatax ta' April 2004 xehed PC 1429 Eric Mangion** [fol 28] fejn qal li nhar t-tlieta ta' Novembru 2003, f'xi l-erbgha w nofs ta' wara nofsinhar, kienet marret certa Maria Teresa Attard taghmel rapport li dakinhar stess hija kienet harget mid-dar taghha "Mistletoe Farmhouse", Triq t-Tellerita, Ghaxaq, f'post maghruf bhala Ta Loretu ghal habta tat-tmienja w nofs ta' filghodu, u meta rritornat lura innutat li xi persuna mhux maghrufa kienet dahlet fil-gnien li ghandha mad-dar peress li kellha l-bieb tal-aluminium imbexxaq u serqilha xi cappetta tad-deheb u xi oggetti ohra. Ix-xhud esibixxa l-okkorrenza relattiva li giet mmarkata bhala dokument JA 4 [fol 30].

**Illi nhar l-erbatax ta' April 2004 xehed PC 649 Darren Decelis** [fol 33] fejn qal li nhar t-tlieta ta' Novembru 2003, f'xi l-erbgha w nofs ta' wara nofsinhar, kienet marret l-Ghassa certa Maria Teresa Attard taghmel rapport li

dakinhar stess ghal habta tat-tmienja w nofs ta’ filghodu hija kienet harget mid-dar taghha li hija “Mistletoe Farmhouse”, Triq t-Tellerita, Ghaxaq, u meta rritornat lura ghal habta tat-tlieta ta’ wara nofsinhar, innutat li xi persuna mhux maghrufa kienet serqitilha xi erbgha mitt lira fi flus mill-kamra tas-sodda taghha, arlogg tal-fidda, zewg pendenti tad-deheb u curkett tad-deheb. Qalet wkoll li ma dawn l-oggetti nsterqulha wkoll zewg karusi bi flus li kienu tat-tfal. Meta giet mistoqsija jekk kellix suspetti hija wiegbet li kellha suspett f’certu Joseph Attard, li jigi hu r-ragel taghha.

**Illi nhar l-erbatax ta’ April 2004 xehdet Maria Teresa Attard** [fol 35] fejn spjegat li nhar t-tlieta ta’ Novembru 2003, meta rritornat lura d-dar minn barra, t-tfal bdew jikkustinjaw bejniethom u bdew jakkuzaw lil xulxin li kissrulhom l-karuz. Iz-ziju qabad l-karuz u ra li kien mghattan u ghalhekk haseb li xi hadd kien dahal fid-dar. Qalet li bdew iduru u sabu diversi oggetti neqsin fosthom oggetti tad-deheb u l-karuz tat-tfal. Qalet li hi kienet halliet l-bieb tal-kcina imbexxaq peress li ma kienetx ser ddum barra. Qalet li ksur fid-dar ma sabitx u mhux l-oggetti kollha tad-deheb li kellha gew misruqa w ghalhekk kien dahlilha suspett f’hu r-ragel taghha li hu l-imputat odjern. Mistoqsija jekk minn dakinhar hi kellmitx lil l-imputat, x-xhud wiegbet li kellmitu billi qaltlu ‘bongu’ fil-funeral ta’ missieru. Ziedet tghid li imbaghad r-ragel taghha cempel lil ohtu Victoria Sciortino u staqsiha ghal imputat u din kienet qaltlu li kien hareg ghal habta tal-hdax u nofs u kien mar juriha xi oggetti tad-deheb w r-ragel taghha kien qalilha li kienu dahlulhom u hadulhom l-affarijiet tad-deheb u meta Victoria Sciortino bdiet issemmilu l-oggetti tad-deheb li kien uriha l-imputat, dawn qablu ma dawk li kienu sabu neqsin mid-dar taghha. Meta x-xhud giet murija l-oggetti tad-deheb esibiti l-Qorti bhala dokumenti JA 1 u JA 2, hija gharfet l-istess oggetti bhala li kienu taghha.

**Illi nhar t-tmintax ta’ Lulju 2005 dehret Victoria Sciortino** [fol 53] fejn iddikjarat li l-imputat odjern huwa huha u ghalhekk talbet lil Qorti li tigi esentata milli taghti d-deposizzjoni taghha u l-Qorti laqghet tali talba taghha.

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawza tiddependi biss fuq ix-xhieda li tat Maria Teresa Attard u l-istqarrija tal-imputat u dan ghaliex ix-xhieda l-ohra huma xhieda li rrappurtaw dak li gie rappurtat lilhom b’eccezzjoni ghal dak li qal l-Ispettur Joseph Agius fil-konfront tal-imputat u dwar l-oggetti tad-deheb li gew mghoddija lilu mill-imputat stess.

Maria Teresa Attard tikkonferma li nsterqulha xi oggetti tad-deheb. Qalet li hu zewgha, li ma xehedtx f’dawn il-proceduri, allegatament cempel lil certa Victoria Sciortino li tigi ohtu u oht l-imputat, [li wkoll ma xehditx f’dawn il-proceduri] u din allegatament qaltlu li l-imputat kien wriha xi oggetti tad-deheb u bejniethom qablu allegatament li kienu l-istess oggetti tad-deheb. Ix-xhud pero giet murija l-oggetti tad-deheb esibiti mill-Ispetur Joseph Agius bhala dokumenti JA 1 u JA 2, liema oggetti gew mghoddija lilu mill-istess imputat, u din gharfithom bhala oggetti tad-deheb li kienu taghha.

L-oggetti tad-deheb dokumenti JA 1 u JA 2 gew mghoddija lil Ispettur Joseph Agius mill-imputat stess wara li hadlu l-istqarrija tieghu esibita fl-atti bhala dokument JA 3.

L-imputat ma xehedtx f’dawn l-proceduri pero waqt l-investigazzjoni, w appuntu fl-istqarrija li rrilaxxja voluntarjament, meta gie mistoqsi jekk seraqx xi deheb mid-dar ta’ huh, huwa wiegeb li darba kien kellem lil huh w irranga mieghu li kien ser igiblu d-deheb li kien hadlu. Mistoqsi b’mod dirett jekk seraqx d-deheb jew le, l-imputat wiegeb li la jista jghidlu iva u lanqas le.

Illi peress li l-imputat ma xehdtx il-Qorti u l-allegazzjoni tal-Ispettur li d-deheb misruq li gie ritornat mill-imputat lilu, ma gietx michuda, ghalhekk fid-dawl ta’ dak li qal l-imputat li ha d-deheb ta’ huh u li rritorna parti minnu lil Ispettur, w in vista tal-fatt li d-derubata gharfitu bhala taghha, il-Qorti thoss li l-Prosekuzzjoni rnexxilha tipprova l-akkuza taghha ta’ serq.

Illi skond l-okkorrenza mehuda minn PS 1429 Eric Mangion, l-valur tal-oggetti tad-deheb li gew misruqa jammonta ghal erbgha mitt lira maltin u dan il-valur ma giex kontestat jew michud mid-Difiza w ghalhekk tali aggravju tal-valur jirrizulta wkoll.

Illi din **il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-akkuza ta' ricettazzjoni** stante li din giet moghtija b'mod alternattiv mill-Prosekuzzjoni ghal akkuza ta' serq.

**Dwar l-akkuza ta' recidiva**, il-Qorti fliet l-process kollu u ma jirrizulta minn imkien li l-Prosekuzzjoni esibiet xi sentenza li nghatat fil-konfront tal-imputat kif del resto jirrizulta minn ezami tal-fedina penali tieghu esibita fl-atti w ghalhekk din il-Qorti **ma tistax ssib lil imputat hati** ta' din l-akkuza ta' recidiva.

Dwar il-piena, il-Qorti rat l-fedina penali tal-imputat esibita bhala dokument CSH 2 a fol 4 et seq tal-atti u minn ezami tal-istess, jirrizulta li l-imputat mis-sena 1993 sas-sena 2003, diga kellu disgha convictions fil-konfront tieghu fejn instab hati fuq diversi akkuzi ta' serq aggravat, appropriazzjoni indebita, pussess ta' droga u xi akkuzi kontra l-Ordinanza tat-Traffiku, meta nghata pieni ta' multi u prigunerija.

L-imputat diga nghatat diversi cansijiet sabiex jirriforma ruhu meta tpogga wkoll taht Ordni ta' Probation, izda dan nonostante l-imputat ma tghallimx u rega' qieghed il-Qorti akkuzat bir-reati odjerni.

**Il-Qorti** ghalhekk, wara li rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikolu 49, 50, 261(c), 263, 267, 279 u 334 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, **tiddikjara li ssib lil imputat JOSEPH ATTARD hati tal-akkuzi ta' serq aggravat bil-valur u tikkundannah ghal piena karcerarja ta' tmintax il-xahar.**

**Tiddikjara li ma ssibux hati tal-akkuza ta' recidiva u tilliberah minnha u tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-akkuza ta' ricettazzjoni**.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------